MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Numru 604/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**ALI MUSTAFA KABES**
**MOHAMMED TENSI**

Il-Qorti,

Rat it-talba maghmula fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006, fejn Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi talbu:
"Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi, filwaqt li jaghmlu referenza ghax-xhieda tas-

Supretendent Sandro Gatt moghtija fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2005 u l-fatt illi l-imputati kienu gew ikkundannati 365 jum *remission* ghall-istess akkuzi lilhom addebitati f'dawn il-proceduri, u giet ukoll esebita vera kopja tas-Sentenza relattiva moghtija mill-Bord tal-Habs, jaghmlu referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Zammit et' per Onor. Imhallef J. Micallef, liema Sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'Sentenza moghtija fl-10 ta' Jannar, 2005, li kopja taghha qeghda tigi esebita seduta stante tramite Nota bhala Dok PG1. Issir referenza wkoll ghal Sentenza ohra fuq l-istess mertu moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali per Onor. Imhallef Gino Camilleri datata 4 ta' Awissu, 2005 fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Musbah Mohsen Ben Ibrahim' fejn f'dawn is-Sentenzi kien gie deciz illi id-drittijiet fundamentali tal-individwu li ma jigiex processat aktar minn darba wahda, kif stabbilita taht id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kienu gew miksura. Ghalhekk fid-dawl ta' dan, qieghed jintalab li l-Qorti tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq riferita."

Taghmel referenza ghal dak dikjarat minn Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi fis-Seduta tal-20 ta' Marzu, 2006 u cioe':
"Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi, b'referenza ghall-eccezzjoni sollevata minnhom fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006, referibbilment ghat-talba formali taghhom kontenuta fil-Verbal tal-istess Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006, fejn gie mitlub li l-Qorti tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom fid-dawl tal-gurisprudenza riferita, jitolbu li una volta jigi dikjarat li dawn il-proceduri ma jistghux jitkomplew minhabba li l-akkuzati gia gew processati fuq dawn l-istess fatti u gia gew kundannati mill-Bord tal-Habs, jitolbu lill-Qorti taghti l-Provvediment opportun u dan qieghed isir

minflok it-talba ghall-liberatorja kif kien gie mitlub fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2006.”

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-15 ta’ Lulju, 2005.

Innutat li l-imputati, wara li nghataw zmien biex jirrispondi jekk ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja, iddikjaraw li m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni u minn Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi fis-Seduta tal-20 ta’ Marzu, 2006 dwar it-talba odjerna.

Fl-ewwel lok, il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tas-Supretendent Sandro Gatt moghtija fl-24 ta’ Frar, 2005. Hawn il-Qorti tirrileva li erronjament ix-xhud tnizzel f’din it-traskrizzjoni bhala Supretendent Sandro Zarb u mhux Supretendent Sandro Gatt pero’ fil-fatt ix-xhud kien is-Supretendent Sandro Gatt kif ukoll jirrizulta mill-Verbal u mit-timbri tal-presentata fuq id-dokumenti Dok SGS1 u Dok SGS2.

Inoltre l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri u Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi ddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum qabel ma inghata dan il-Provvediment li jaqblu li it-traskrizzjoni tax-xhieda li jinsabu minn fol.60 sa fol. 61 tal-Process hi tas-Supretendent Sandro Gatt u mhux tas-Supretendent Sandro Zarb kif erronjament indikat. F’din id-deposizzjoni is-Supretendent Sandro Gatt qal is-segwenti:
“Nghid jiena nokkupa l-kariga ta’ Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Nghid illi fil-25 ta’ Lulju tas-sena 2004 Muhammed Tensi kif ukoll Ali Mustafa Kabes li qed

naghrafhom bhala l-imputati prezenti fl-Awla kienu gew irrapurtati fuq ksur ta' dixxiplina fil-habs. Sussegwentement u dan fis-7 ta' Awissu 2004 iz-zewg imputati wehlu tlett mija hamsa u sittin jum (365) ta' remission kull wiehed. Peress li huma kienu qeghdin taht arrest ir-remission kienet prospective. Dawn appena gew sentenzjati r-remission bdiet tghodd kif fil-fatt qeghdin jaghmlu bhalissa. (sottolinjar tal-Qorti).

Qieghed nesebixxi bhala Dok SGS 1 dokument li jirrigwarda l-imputat Mohammed Tensi, dan huwa rapport tal-habs fejn huwa gie avzat li huwa gie rapurtat u anness ma dan id-dokument hemm ukoll it-telf tar-remission. Qed nesebixxi wkoll bhala Dok SGS 2 l-istess tip ta' dokument li jirrigwarda lill-imputat Ali Mustafa Kabes. Nghid nel frattemp dawn l-imputati kienu tressqu minn pulizija rigwardanti l-kaz odjern."

In kontro-ezami l-istess xhud qal:
"Nghid illi fil-5 ta' Lulju tas-sena 2004 kien hemm incident fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kien gie ferut prigunier iehor bl-isem Ikhal Haddawi Ismael. Hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni fuq li ghidt precedentement illum fis-sens illi fejn semmejt illi l-incident kien sehh fil-25 ta' Lulju 2004 nghid illi effettivament id-data ghandha tkun 5 ta' Lulju 2004. Dawn imbaghad l-imputati odjerni kienu gew irraportati lill-bord li jiehu hsieb id-dixxiplina tal-habs fejn gew akkuzati li hebbew ghall-persuna ohra kif ukoll ipperikolaw il-health and safety ta' l-istess persuna, li jigi regolament 74 B u E tar-regolamenti tal-habs."

F'dan l-istadju il-Qorti tirrileva li l-imputati f'din il-kawza gew akkuzati bis-segwenti:
"Talli fil-5 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-1130 am gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin dolozament minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu f'periklu car il-hajja ta' Ikhal Haddawi Ismail ta' 31 sena mill-Algerija, urejtu dan il-hsieb b'atti esterni u tajtu bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tajtu daqqiet ta' strument li jaqta' u jniggez f'partijiet vitali tal-gisem ta' l-istess Ikhal Haddawi Ismail liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali

u ndipendenti mill-volonta' taghkom u dan bi ksur ta' l-artikolu 214 u 218 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez ikkagunajtu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ikhal Haddawi Ismail liema offiza giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem (fl-ghonq) ta' l-istess Ikhal Haddawi Ismail u dan skond ma' ccertifika Dr. Chris Spiteri u dana bi ksur ta' l-artikolu 217 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta
Talli fl-imsemmija data, hin, lok u cirkostanza zammejtu u garrejtu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006 fejn gie verbalizzat is-segwenti:
"L-Ufficjal Prosekutur u Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi jiddikjaraw illi qeghdin jaqblu illi l-*loss of remission* moghtija mid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li dwaru l-istess Direttur is-Supretendent Sandro Gatt xehed fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2005, tali *loss of remission* tirrigwarda l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputati."

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa it-talba de quo u dan fid-dawl tal-Gurisprudenza riferita fl-istess talba, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Mid-dokumenti Dok SGS1 (fol. 64 u fol. 65 tal-Process) inkwantu ghall-imputat Mohammed Tensi u Dok SGS2 (fol. 62 u fol. 63 tal-Process) inkwantu ghall-imputat Ali Mustafa Kabes esebiti mis-Supretendent Sandro Gatt, Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2005, jirrizulta illi l-imputati odjerni fis-7 ta' Awissu, 2004 wehlu 365 jum ta' *loss of remission (prospective)* kull wiehed.

2. Illi kif verbalizzat fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006 l-Ufficjal Prosekutur u Dr Patrick Valentino ghall-imputat Ali Mustafa Kabes u Dr Giannella Caruana Curran ghall-imputat Mohammed Tensi iddikjaraw illi qeghdin jaqblu illi l-*loss of remission* moghtija mid-Direttur tal-Facilita'

Korrettiva ta' Kordin li dwaru l-istess Direttur is-Supretendent Sandro Gatt xehed fis-Seduta tal-24 ta' Frar, 2005, tali *loss of remission* tirrigwarda l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputati. (sottolinjar tal-Qorti).

3. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-kopja ta' Sentenza esebita fl-Atti ta' din il-kawza (minn fol. 91 sa fol. 109) moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-10 ta' Jjannar 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) v. Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri" fejn, inter alia, din il-Qorti qalet:
"Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak deciz mill-Qorti ta' Strasbourg kemm fil-kaz **Campbell and Fell v. United Kingdom** kif ukoll aktar recentement fil-kaz **Ezeh and Connors v. United Kingdom** ma tistax ma tqisx tali piena ta' *loss of remission* (cioe' fl-ammont ta' 365 jum ossia sena) bhala piena 'kriminali' u mhux semplicement dixxiplinari ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minhabba n-natura (telf ta' liberta' personali) u s-severita' taghha, b'mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari.
Kif intqal fil-kaz **Campbell and Fell**

**"…the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'."** (para.72).

4. Dwar il-fatt jekk tali decizjoni fuq il-*loss of remission* kienitx definittiva ossia li ghaddiet in gudikat, il-Qorti tirreferi ghad-deposizzjoni moghtija mis-Supretendent Sandro Gatt fejn dan, inter alia, qal:
"Dawn appena gew sentenzjati ir-remission bdiet tghodd kif fil-fatt qeghdin jaghmlu bhalissa." (ara fol. 60 tal-Process).

Mis-suespost jirrizulta li l-*loss of remission* moghtija liz-zewg imputati konsistenti fl-ammont ta' 365 jum ossia sena ghandha titqies bhala piena "kriminali" u mhux

sempliciment dixxiplinari ghall-fini tal-Konvenzjoni u dan fid-dawl ta’ dak li jemergi mis-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali diga’ riferita aktar qabel f’din is-Sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) v. Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri” moghtija fl-10 ta’ Jannar, 2005. Mill-istess Sentenza il-Qorti sejra ticcita is-segwenti raguni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali ghal tali konkluzjoni raggunta mill-istess Qorti Kostituzzjonali u cioe’:
“u dan minhabba n-natura (telf ta’ liberta’ personali) u s-severita’ taghha, b’mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta’ ta’ natura penali u mhux sempliciment dixxiplinari.”

Sostanzjalment it-talba in dizamina hija talba li teccepixxi in ne bis in idem. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mis-suespost u fid-dawl tal-insegnamenti tal-Gurisprudenza citata (ara wkoll is-segwenti Sentenza: Qorti Civili Prim’ Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) per Onor. Imhallef Gino Camilleri moghtija fl-4 ta’ Awissu, 2005, Rikors Numru 41/2002/1 fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mosbah Mohsen Ben Ibrahim”), tissussisti f’dan il-kaz l-eccezzjoni tan-ne bis in idem u l-konsegwenza fejn tigi ppruvata tali eccezzjoni hija l-liberatorja tal-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi ghat-talba in dizamina billi ghar-ragunijiet premessi, tillibera lill-imputati Ali Mustafa Kabes u Mohammed Tensi mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------